GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

**30 ta' Ġunju, 2025**

***Stqarrija għall-Istampa***

**Malta tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur l-aċċessibilità hekk kif jidħol fis-seħħ l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità**

Flimkien ma' Stati Membri oħra tal-UE, Malta qed tiċċelebra pass importanti, hekk kif l-**Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA)** jidħol fis-seħħ uffiċjalment madwar l-Unjoni.

Din id-Direttiva hija komponent essenzjali kemm tal-Istrateġija tal-UE għall-2021 – 2030 dwar id-Diżabilità, kif ukoll tal-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Diżabilità ta' Malta għall-2021–2030. Iż-żewġ Strateġiji huma allinjati biex jiżguraw li prodotti u servizzi essenzjali bħal fis-settur bankarju u dawk tal-informatika, tat-telekomunikazzjoni, tal-kummerċ elettroniku u tat-trasport ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Malta tibqa' kommessa bis-sħiħ li tilħaq l-għanijiet tad-Direttiva. Id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI), bħala d-Direttorat tal-Politika dwar id-Diżabilità fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat (MIV), mexxa n-negozjati nazzjonali fil-livell tal-UE dwar l-Att, u kien responsabbli għall-implimentazzjoni tar-riformi legali meħtieġa, inkluż l-abbozzar ta' Linji Gwida, biex id-Direttiva tkun tista' tidħol fis-seħħ f'Malta.

Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) se taġixxi bħala l-Awtorità tas-Sorveljanza tas-Suq skont id-Direttiva. Is-CRPD iffirmat Memoranda ta' Qbil (MoUs) ma' entitajiet bħall-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA), li se jappoġġjaw lill-Kummissjoni biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha ta' sorveljanza taħt id-Direttiva.

Minflok ma tadotta approċċ primarjament punittiv, ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni se jkun li tiggwida u tappoġġja lill-komunità tan-negozju, u lill-partijiet interessati rilevanti kollha, fl-implimentazzjoni effettiva u in bona fede tad-Direttiva. Il-partijiet interessati huma mħeġġa li jiddjalogaw

b'mod kostruttiv mas-CRPD biex jiżguraw il-konformità u jrawmu suq aktar inklussiv.

Qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Ministeru kellu laqgħat ta' konsultazzjoni ma' partijiet interessati ewlenin permezz ta' pjattaformi bħall-Malta Business Disability Forum, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Bankiera, Transport Malta u l-industrija tal-logħob (gaming) permezz tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob.

Is-settur bankarju Malti, fost oħrajn, diġà beda jintegra l-istandards tal-aċċessibbiltà fl-operat tiegħu. Dan jinkludi t-titjib tal-ATMs biex isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, u t-titjib tas-servizz tal-konsumatur biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-residenti kollha f'Malta u f'Għawdex.

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, tenniet illi "*f'din l-okkażjoni, irridu ngħaddu l-messaġġ illi Malta temmen bis-sħiħ li* ***l-aċċessibilità mhijiex biss rekwiżit, iżda hija dritt għall-persuni b'diżabilità, u għal kulħadd****. Tajna prijorità lil din id-Direttiva meta kellna f'idejna l-Presidenza tal-UE, u issa, fl-implimentazzjoni, ser inkomplu mmexxu bl-eżempju. Kburin li qed nikkontribwixxu għal soċjetà li ma tħalli lil ħadd f'Malta jew f'Għawdex barra, u għall-bini ta' Unjoni Ewropea aktar inklussiva.*"

Għal aktar informazzjoni dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità u l-isforzi ta' implimentazzjoni ta' Malta jekk jogħġbok ikkuntattja:

Lid-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI) fil-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, fuq ddi@gov.mt

Jew

Lill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), fuq helpdesk@crpd.org.mt, 2226 7600 jew 7978 8555 (persuni neqsin mis-smigħ).